**Sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (It-Tieni Awla) tas-26 ta' Ġunju 2013 — Vacca vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża F-116/11)** ([1])

***(Servizz pubbliku — Kompetizzjoni ġenerali — Avviż ta' kompetizzjoni EPSO/AD/207/11 — Nuqqas ta' ammissjoni għall-eżamijiet ta' evalwazzjoni — Test ta' aċċess — Newtralizzazzjoni ta' domandi — Informazzjoni lill-kandidati)***

(2013/C 225/195)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Annalisa Vacca (Lussemburgu, il-Lussemburgu) (rappreżentant: A. Salerno, avukat)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: J. Currall u B. Eggers, aġenti)

**Suġġett**

Talba għall-annullament tad-deċiżjoni li permezz tagħha r-rikorrenti ma ġietx aċċettata għall-eżamijiet ta' evalwazzjoni fil-kuntest tal-kompetizzjoni EPSO/AD/207/11.

**Dispożittiv**

(1) *Il-Kummissjoni Ewropea hija kkundannata tħallas lil A. Vacca s-somma ta' EUR 500.*

(2) *Il-kumplament tar-rikors huwa miċħud.*

(3) *Il-Kummissjoni Ewropea għandha tbati l-ispejjeż tagħha u hija kkundannata tbati żewġ terzi tal-ispejjeż sostnuti minn A. Vacca.*

(4) *A. Vacca għandha tbati terz tal-ispejjeż tagħha.*

([1]) ĠU C 25, 28.1.2013, p. 69.

**Digriet tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (It-Tieni Awla) tat-28 ta' Ġunju 2013 — Marcuccio vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża F-44/11)** ([1])

***(Servizz pubbliku — Artikolu 34(1) u (6) tar-Regoli tal-Proċedura — Rikors ippreżentat permezz ta' faks fit-terminu għall-preżentata ta' rikors miżjud bit-terminu ta' distanza ta' għaxart ijiem — Rikors ippreżentat bil-posta fl-għaxart ijiem sussegwenti — Assenza ta' identiċità bejn wieħed u l-ieħor — Tardività tar-rikors)***

(2013/C 225/196)

*Lingwa tal-kawża:it-Taljan*

**Partijiet**

*Rikorrent:* Luigi Marcuccio (Tricase, l-Italja) (rappreżentant: G. Cipressa, avukat)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: C. Berardis-Kayser u J. Baquero Cruz, aġenti, assistiti minn A. Dal Ferro, avukat)

**Suġġett**

Talba sabiex il-Kummissjoni tiġi kkundannata tħallas somma bħala kumpens għad-dannu allegatament subit mir-rikorrent minħabba t-talba indirizzata mill-uffiċjal mediku tal-Kummissjoni lit-tabib tar-rikorrent sabiex jikseb ċertu informazzjoni dwar il-kura medika li rċieva dan tal-aħħar

**Dispożittiv**

(1) *Ir-rikors huwa miċħud, parzjalment bħala manifestament inammissibbli, u parzjalment bħala manifestament infondat.*

(2) *L. Marcuccio għandu jbati l-ispejjeż tiegħu u huwa kkundannat ibati l-ispejjeż sostnuti mill-Kummissjoni Ewropea.*

([1]) ĠU C 186, 25.6.2011, p. 34.

**Digriet tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (L-Ewwel Awla) tat-28 ta' Mejju 2013 — Marcuccio vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża F-67/11)** ([1])

***(Servizz pubbliku — Uffiċjali — Annullament ta' deċiżjoni tal-Kummissjoni — Eżekuzzjoni tas-sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku — Dannu li jirriżulta min-nuqqas ta' eżekuzzjoni — Kundizzjonijiet — Rikors manifestament infondat fid-dritt)***

(2013/C 225/197)

*Lingwa tal-kawża: it-Taljan*

**Partijiet**

*Rikorrent:* Luigi Marcuccio (Tricase, l-Italja) (rappreżentant: G. Cipressa, avukat)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: C. Berardis-Kayser u J. Baquero Cruz, aġenti, assistiti minn A. Dal Ferro, avukat)

**Suġġett**

Servizz Pubbliku — Talba għall-annullament tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tiċħad it-talba tar-rikorrent intiża, minn naħa, sabiex il-Kummissjoni tiġi ordnata teżegwixxi l-punt 2 tad-dispożittiv tas-sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku, tad-9 ta' Ġunju 2010, fil-kawża Marcuccio vs Il-Kummissjoni, F-56/09, u, min-naħa l-oħra, sabiex jinkiseb kumpens għad-danni allegatament subiti mir-rikorrent.

**Dispożittiv**

(1) *Ir-rikors huwa miċħud minħabba li huwa manifestament infondat fid-dritt.*

(2) *M. Marcuccio għandu jbati, barra l-ispejjeż tiegħu stess, l-ispejjeż tal-Kummissjoni Ewropea inklużi dawk marbuta mal-proċeduri għal miżuri provviżorji fil-Kawża F-67/11 R, Marcuccio vs Il-Kummissjoni.*

([1]) ĠU C 319, 29.10.2011, p. 29.

---

**Digriet tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (L-Ewwel Awla) tal-15 ta' April 2013 — Andersen vs Il-Qorti tal-Awdituri**

**(Kawża F-1/12)** ([1])

***(Servizz pubbliku — Uffiċjali — Irtirar minħabba invalidità — Artikolu 78 tar-Regolamenti tal-Persunal — Rikors parzjalment manifestament inammissibbli u parzjalment manifestament infondat)***

(2013/C 225/198)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* Henrik Andersen (Hals, id-Danimarka) (rappreżentanti: S. Rodrigues, A. Blot u A. Tymen, avukati)

*Konvenuta:* Il-Qorti tal-Awdituri tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: T. Kennedy, N. Scafarto u B. Schäfer, aġenti)

**Suġġett**

It-talba għall-annullament tad-deċiżjoni tal-Qorti tal-Awdituri li tiċħad il-kumpens għat-telf allegatament subit wara l-irtirar tar-rikorrent minħabba invalidità.

**Dispożittiv**

(1) *Ir-rikors huwa miċħud bħala parzjalment manifestament inammissibbli u parzjalment manifestament infondat.*

(2) *H. Andersen għandu jbati l-ispejjeż tiegħu u huwa kkundannat għall-ispejjeż sostnuti mill-Qorti tal-Awdituri tal-Unjoni Ewropea.*

([1]) ĠU C 133, 5.5.2012, p. 29.

---

**Digriet tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (L-Ewwel Awla) tal-14 ta' Mejju 2013 — Marcuccio vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża F-4/12)** ([1])

***("Servizz pubbliku — Artikolu 34(1) u (6) tar-Regoli tal-Proċedura — Att ippreżentat b'faks fit-terminu għall-preżentata ta' rikors — Firma bl-idejn tal-avukat differenti minn dik li tinsab fuq l-oriġinal tal-att mibgħut bil-posta — Tardività tar-rikors — Inammissibbiltà manifesta — Ineżistenza")***

(2013/C 225/199)

*Lingwa tal-kawża: it-Taljan*

**Partijiet**

*Rikorrent:* Luigi Marcuccio (Tricase, l-Italja) (rappreżentant: G. Cipressa, avukat)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: C. Berardis-Kayser u J. Baquero Cruz, aġenti, assistiti minn A. Dal Ferro, avukat)

**Suġġett tal-kawża**

Servizz pubbliku — Talba għall-annullament tad-deċiżjoni impliċita tal-Kummissjoni li tiċħad it-talba tar-rikorrent li jiġu kkomunikati lilu l-kowds ta' aċċess għas-siti internet aċċessibbli għal kull uffiċjal tal-Kummissjoni wara s-sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku, tal-4 ta' Novembru 2008, F-41/06, li tannulla d-deċiżjoni ta' din l-istituzzjoni li tissuġġettah għall-irtirar minħabba invalidità.

**Dispożittiv tad-digriet**

(1) *Ir-rikors huwa miċħud bħala manifestament inammissibbli.*

(2) *L. Marcuccio għandu jbati l-ispejjeż rispettivi tiegħu u huwa kkundannat għall-ispejjeż sostnuti mill-Kummissjoni Ewropea.*

([1]) ĠU C 65, 3.3.2012, p. 28.

---

**Digriet tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-14 ta' Ġunju 2013 — Carosi vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża F-54/12)** ([1])

(2013/C 225/200)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

Il-President tal-Ewwel Awla ordna t-tħassir tal-kawża.

([1]) ĠU C 194, 30.6.2012, p. 28